# Veni, Creator Spiritus
## Adorazzjoni Ewkaristika bi tħejjija għal Għid il-Ħamsin
## Ġunju 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
O Sultan etern u għoli,
li ħennejt għalina w fdejtna,
inti qridt il-mewt għal dejjem,
bik il-grazzja t'Alla rebħet.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tlajt glorjuż fil-leminija
tal-Missier, li tak is-setgħa
fuq il-ħlejjaq kollha tiegħu,
saltna li mhijiex tad-dinja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk, Mulej, quddiemek jinżel
għarkupptejh kulħadd: fis-sema,
fl-art, f'qiegħ l-art, għemilek kollu
jadurak fil-biża' tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Mulej, Sultan tal-ħlejjaq,
li m'hemmx hena ieħor ħliefek,
kun hawnhekk il-ferħ ta' qalbna,
kif għad tkun il-premju tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nitolbuk, għalhekk, tagħtina
nifs l-Ispirtu biex jaħjina;
u bil-grazzja tiegħu tgħinna
nerfgħu ħsiebna lejn is-sema.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tifħir lilek, Kristu Sidna,
int li tlajt glorjuż fis-sema;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

"Veni, Creátor Spíritus" … Ejja, Spirtu Ħallieq. Hekk tgħanni l-Knisja fit-talba tagħha ta' filgħaxija fil-jiem bejn Lapsi u Għid il-Ħamsin, bejn iċ-ċelebrazzjoni ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema u dik tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u l-ewwel dixxipli. Għax, bħalma fit-Tlitt Ijiem Imqaddsa tal-Għid ta' kull sena nissieħbu

mill-ġdid ma' Kristu fis-siegħa tal-mewt u r-rebħa tiegħu permezz tal-liturġija, hekk ukoll f'dawn il-jiem nerġgħu ngħixu l-istennija għad-don tal-Ispirtu s-Santu. Dan nagħmluh, mhux għax mhuwiex diġà fina—irċevejnieh fil-Magħmudija u kkonferma l-qawwa tiegħu fil-Griżma tal-Isqof—imma għax ta' kull sena jkollna bżonn li nħallu lilna nfusna niġġeddu fl-Ispirtu u bl-Ispirtu. It-tlugħ u l-inżul tal-ħajja jaqtgħulna nifisna. L-esperjenzi iebsa jgħattuna bħal mewġa u nħossuna qed nifgaw. Il-pressjoni tal-ħajja tagħfas fuqna, u l-ġirja tagħha tħallina nilhġu. Għaldaqstant, miġburin hawnhekk madwaru, ejjew inħallu lil Kristu jonfoħ mill-ġdid fuqna n-Nifs Qaddis tiegħu biex jerġa' jagħtina l-ħajja (ara Ġw 20, 22), l-istess kif il-Ħallieq "sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja" (Ġen 2, 7). Ejjew nifthu qalbna beraħ biex tiġi mgħejuna fin-nuqqas ta' ħila tagħha, għax, kif jikteb San Pawl lir-Rumani, "aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem" (Rum 8, 26).

## Innu Ewkaristiku

Fid-deskrizzjoni li jagħtina San Luqa fl-Atti tal-Appostli ta' dak li seħħ nhar Għid il-Ħamsin, naqraw kif "ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom" (Atti 2, 1-3). L-istess manifestazzjoni tal-Ispirtu s-Santu bħala nar narawha f'siltiet oħra tal-istess ktieb. Anke Ġwanni l-Battista, meta jwieġeb li mhuwiex il-Messija, dwarek, Mulej Ġesù, jgħidilhom hekk: "Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" (Lq 3, 19). Mhux ta' b'xejn li l-Knisja, fit-tieni strofa tal-innu *Veni, Creátor Spíritus*, il-Knisja ssejjaħ lil dan l-Ispirtu Ħallieq bħala nar—ignis.
U tassew, inti nnifsek tistqarr lid-dixxipli tiegħek: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad! Iżda hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed, u x'diqa għandi sa ma dan iseħħ!" (Lq 12, 49). In-nar u l-Magħmudija, l-Ispirtu u l-Passjoni li għaddejt minnhom inti, jitwettqu fina wkoll darba għal dejjem meta l-fjamma ta' Ruħ il-Qodos tkebbset fina fil-Magħmudija tagħna—realtà trasformattiva mfissra b'mod tant tajjeb permezz tal-ġest liturġiku li fih, wara l-Magħmudija permezz tal-ilma, tiġi mixgħula xemgħa mill-fjamma tal-blandun, li hu xbieha tiegħek irxoxt.
Minkejja dan kollu, xorta waħda, bħad-dixxipli ta' Għemmaws, nhar l-ewwel jum tal-ġimgħa tal-ħolqien il-ġdid li nbeda permezz tal-qawmien tiegħek mill-mewt, ta' kuljum insibu ruħna nistaqsu lilna nfusna: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" (Lq 24, 32). Għaldaqstant, Mulej, bħal dawn iż-żewġ dixxipli se nitolbuk tibqa' magħna: tibqa' magħna permezz tal-Ispirtu-Nar li jżomm il-ħeġġa tagħna mkebbsa, ma jħallix lil qalbna tiffriża u tibbies, imma lanqas jheddibna u jeqridna ... inkunu bħas-siġra tal-għollieq taqbad bla ma tintemm li ra Mosè fuq il-Ħoreb (ara Eż 3, 1-3). Anzi, mhux talli hekk, talli, bħall-Profeta Ġeremija, nagħrfu li, tassew, dan in-nar li hemm

jaqbad f'qalbna, magħluq f'għadamna, ma nistgħux inżommuh magħluq ġo fina, imma bih int trid tkebbes id-dinja f'ħuġġieġa waħda ta' ħajja li tegħleb kull nar ta' gwerra u ebusija tal-qalb (ara Ġer 20, 9).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

**Qari mill-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet** (8, 6-7)
Qegħedni bħal siġill fuq qalbek,
siġill fuq driegħek.
Għaliex bħall-mewt qawwija l-imħabba;
daqs Art l-Imwiet hi kiefra l-għira;
ix-xrar tagħha xrar tan-nar,
nar tal-Mulej.
Ilmijiet kbar mhuma sa jaslu qatt
biex jitfu l-imħabba,
lanqas ix-xmajjar ma jġorruha magħhom.
Il-bniedem li jrid jagħti
l-ġid kollu ta' daru
biex jixtri l-imħabba
tmaqdir isib.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**R/.** *Irroddu ħajt lil Alla*

"Fons vivus, ignis, cáritas" ... "Għajn ħajja, nar, imħabba ..." Huwa biss il-lingwaġġ poetiku li jista' jirnexxilu jgħaqqadhom flimkien dawn l-elementi għax fin-natura l-ilma jitfi n-nar, u s-sħana tan-nar tnixxfu jew tgħallih sakemm jevapora. Imma huma l-ilma u n-nar flimkien li bihom il-Paraklitu—jiġifieri, id-Difensur, il-Konsolatur—ikun jista' jqanqal fil-ġewwieni tagħna l-kliem li l-għarusa—il-Knisja—tgħanni lill-għarus tagħha—lilek—mingħajr mistħija jew tlaqliq. U, mhux talli hekk, talli, inti stess "fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni," qomt u b'leħen għoli ħanġart: "Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj." U kien proprju għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fik li dwaru kont qed titkellem. Dakinhar "kien għad ma ngħatalhomx" billi inti kont għadek ma ġejtx igglorifikat (Ġw 7, 37-39). Imma, meta ġejt merfugħ fuq is-salib u qalbek ġiet minfuda b'daqqa ta' lanza, hemmhekk, iva, din il-Magħmudija tiegħek laħqet il-milja tagħha, u saret possibbli tagħna, proprju permezz tal-ikbar imħabba li qatt setgħet tiġi murija lilna meta int, Alla, sirt bniedem u tajt ħajtek għalina, waqt li titniehed, "Għandi l-għatx" għax, kif jgħid San Girgor Nazjanzenu: sitit sitiri, Alla "bil-għatx li nkunu bil-għatx għalih: hu joffri x-xorb lil dawk li liberament jixtiquh" (Oratio XL, *In Sanctum Baptisma*, par. 27, PG 36.397). Dan l-għatx huwa għatx għall-imħabba—li nħobbu u nkunu maħbuba—li fina nġarrbuha bħala vojt qerried jekk ma jkunx l-Ispirtu tal-Imħabba ta' bejnek u bejn il-Missier li jimliena għal kollox, u saħansitra jfur minna għal fuq ħutna l-bnedmin.

Għalhekk, Mulej, bil-ħrara kollha ta' qalbna nitolbuk: ibgħatilna d-Difensur, id-don ta' Alla l-Għoli, u ħa jitqanqal fina mill-ġdid bħala għajn ħajja, nar u mħabba, sabiex isaqqina, jaħmina, u, bħalek f'dan is-Sagrament tal-għaġeb, jibdilna f'ikel ta' mħabba li tingħata għal kollox, bla riservi, bla kundizzjonijiet, lil dawk li tlaqqagħna magħhom u tixtieq iddewwaqhom il-ħlewwa tiegħek permezz tagħna.

## Innu Ewkaristiku

Fil-liturġija u l-ħajja tal-Knisja, kull konsagrazzjoni ta' persuna, post, jew oġġett isseħħ jew tiġi mfissra proprju bil-ġest tad-dilka biż-żejt imqaddes tal-Griżma, liema żejt jitbierek mill-Arċisqof nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu, u li jonfoħ fuqu wara li jgħid it-talba li biha dan iż-żejt imħallat bil-fwieħa jiġi mqaddes sabiex iqaddes. Id-dlik biż-żejt sa mill-qedem kien iġib fejqan u jdewwi l-feriti. Iż-żejt kien iqawwi lis-suldati jew lil dawk li sejrin għall-ġlied u t-taqbid biex hekk ikunu iktar ħfief. Iż-żejt jagħti d-dawl u jsebbaħ fid-dehra, u saħansitra jsajjar l-ikel li bih nitgħajxu.
Dan kollu jwettqu fina l-Ispirtu s-Santu hekk li, fil-*Veni, Creátor Spíritus*, il-Knisja ssejjaħlu bħala "spiritális únctio," dilka spiritwali li tqawwi lir-ruħ tagħna. Id-dilka mill-Qaddis li għandna fina ġġib il-fejqan tal-ġrieħi l-iktar profondi ta' ruħna. Hija din id-dilka b'żejt l-Ispirtu li hemm fina li, kif jikteb San Ġwann fl-Ewwel Ittra tiegħu, teħlisna mill-qerq u l-gideb u tqawwina għall-battalja qalila kontra dak kollu li, b'modi konkreti imma sottili, jipprova jwassalna sabiex niċħdu li Ġesù hu l-Messija (ara 1 Ġw 2, 20-27). Imma, sakemm nibqgħu fidili lejn din id-dilka bl-Ispirtu s-Santu li rċevejna, m'għandniex għalfejn nibżgħu jew naqtgħu qalbna għax, kif wegħedna Ġesù stess, "Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!" (Lq 11, 13).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

B'din iċ-ċertezza u l-kuraġġ li jiġu mill-Ispirtu s-Santu li ssawwab fi qlubna—spirtu li ma jwassalx għall-jasar u l-biża' imma li jeħlisna billi jagħmilna wlied adottivi tal-Missier fi Kristu, hekk li bih aħna nistgħu ngħajtu: "Abba! Missier!" (ara Rum 8, 15)—ejjew nagħmlu l-qalb u nitolbu lill-Mulej biex iġedded fina din id-Dilka Spiritwali ħalli jkun jista' jġedded il-wiċċ tal-art. Għal kull talba nwieġbu flimkien: ***Ibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek, Mulej.***

- F'dawn il-ġranet ta' tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni ta' Għid il-Ħamsin, sawwab, nitolbuk, Mulej Ġesù, l-Ispirtu Qaddis tiegħek fuq l-Għarusa tiegħek, il-Knisja, sabiex flimkien mal-istess Spirtu titniehed "Ejja!" hija u timxi warajk bħala l-merħla tiegħek u ġġarrbek riesaq lejha bħala t-tama waħdanija tagħha. ***R/.***

- Kompli kebbes bl-Ispirtu-Nar tiegħek lill-Papa Ljun XIV, lill-Arċisqof tagħna Charles, l-Isqof Joseph, l-isqfijiet, lis-saċerdoti u l-evanġelizzaturi kollha, huma u jħabirku biex ixerrdu n-nar li ġejt tqiegħed fuq l-art . *R/.*
- Saqqi mill-Għajn Ħajja ta' Ruħ il-Qdusija lill-qlub niexfa u maħruqa ta' dawk kollha li tilfu l-kebsa tal-Ispirtu ġo fihom u radmuha għal kollox, sabiex fejn hemm id-deżert terġa' twarrad il-ħajja, u fejn hemm il-qerda u l-gwerra terġa' ssaltan il-paċi. *R/.*
- Imla bl-Ispirtu tal-Imħabba tiegħek lill-komunitajiet, gruppi, u familji tagħna, għax mingħajru ma jistax ikun hemm imħabba vera ġaladarba huwa biss inti l-imħabba vera u permezz tiegħek biss nistgħu nibqgħu nħobbu sal-aħħar. *R/.*
- Sawwab id-dilka spiritwali li tqawwi u ssaħħaħ fuq dawk kollha li qegħdin fil-formazzjoni biex jirċievu d-dilka li sseħibhom fis-saċerdozju waħdieni tiegħek, u wkoll fuq dawk li qed issejħilhom għas-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata. *R/.*
- Niżżel bħan-nida l-barka tal-Ispirtu tiegħek fuq is-soċjetà tagħna li ftaqret u tilfet il-valur u t-tifsira tal-imħabba vera u sal-aħħar; ħa jdawwal lill-mexxejja u l-leġislaturi tagħna u 'l dawk kollha involuti fil-qasam tas-saħħa u l-kura sabiex jagħmlu għażliet li jgħożżu l-ħajja li inti tagħti b'xejn għax inti Alla Mħabba. *R/.*
- Saffi bin-nar tiegħek lil ħutna mejtin u żurhom bin-nar tal-Ispirtu s-Santu li jaħraq il-ħuxlief u t-tiben biex hekk, kollhom dija bħal ħaġar prezzjuż, jissieħbu fil-hena bla tmiem. *R/.*

Fit-tjieba tiegħek, Mulej ħanin, żomm il-Knisja tiegħek miġmugħa fl-Ispirtu s-Santu, biex tintrabat miegħek b'qalbha kollha u tkun magħquda b'rieda waħda u safja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali